C/2025/1972

11.4.2025

P10_TA(2024)0056

L-elezzjoni tal-Ombudsman

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2024 li teleġi l-Ombudsman Ewropew (2024/2062(INS))

(C/2025/1972)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 237 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra s-sejħa għan-nominazzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra l-vot tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2024,

1. Jeleġi lil Teresa ANJINHO biex isservi bħala Ombudsman Ewropew sat-tmiem tal-leġislatura;

2. Jitlob lil Teresa ANJINHO biex tieħu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex id-deċiżjoni annessa tiġi ppubblikata *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja.

([1]) ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1163/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/4914, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4914/oj.

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-17 ta' Diċembru 2024

li taħtar l-Ombudsman Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 24 u l-Artikolu 228 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom ([1]),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 237 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Wara li kkunsidra s-sejħa għan-nominazzjonijiet ([2]),

Wara li kkunsidra l-vot tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2024,

IDDEĊIEDA:

li jeleġi lil Teresa ANJINHO biex isservi bħala Ombudsman Ewropew sat-tmiem tal-leġislatura.

Magħmula fi Strasburgu, fis-17 ta' Diċembru 2024

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
R. METSOLA

([1]) ĠU L 253, 16.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1163/oj.
([2]) ĠU C, C/2024/4914, 30.8.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4914/oj.